KULLEĠĠ SAN NIKOLA
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
LIVELL PRIMARJU
FRAR 2016

IS-SITT SENA | IR-RELIĠJON | IL-ĦIN: Siegħa u kwart

L-Isem u l-kunjom: ____________________ Il-Klassi: ______

Marka Totali
_____
100

## TAQSIMA A: STORJA TA' MĦABBA

**A. Immarka VERU jew FALZ. (8 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | Ir-raġel ta' Marija kien jismu Ġużeppi. | | |
| 2 | Il-Kmandamenti huma għaxra. | | |
| 3 | L-ewwel martri kien jismu Stiefnu. | | |
| 4 | L-Evanġelji qegħdin fl-Antik Testment. | | |
| 5 | Permezz tal-Qassisin Alla kien ikellem lill-poplu tiegħu fit-Testment il-Qadim. | | |
| 6 | Mosè kien dak li ħareġ il-poplu Lhudi mill-Eġittu. | | |
| 7 | David, qabel ma sar sultan, kien ragħaj. | | |
| 8 | Marija u Ġużeppi kienu Eġizzjani. | | |

**B. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel sentenza hija eżempju.**

**(8 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ~~*Iżakk*~~ | Gabrijel | xbieha | bniedem | Ġenesi |
| | Eġittu | kuxjenza | Ġużeppi | fit-Testment il-Qadim |



1. *It-tifel ta' Abraham kien jismu Iżakk.*
2. Il-vuċi ta' Alla fina tissejjaħ ______________.
3. L-Arkanġlu mibgħut minn Alla biex iħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla kien jismu

   ________________________.
4. Fil-ktieb tal- ____________________ nsibu l-istorja tal-ħolqien.
5. Alla ħalaqna ______________________ tiegħu u għamilna nixbhuh.
6. Dak li kien ġie mibjugħ minn ħutu kien jismu ________________.
7. L-istorja ta' Mosè nsibuha ____________________________.
8. Fost il-ħlejjaq kollha li hawn fid-dinja, Alla jħobb l-aktar lill- _________________.
9. Il-poplu Lhudi kien skjav fl-____________________.

## Ċ. Ikteb dwar dawn il- qaddisin msemmija hawn taħt. (6 marki)

1. San Franġisk t'Assisi:

______________________________________________

______________________________________________

2. San Ġorġ Preca:

______________________________________________

______________________________________________

3. San Pietru:

______________________________________________

______________________________________________

## D. Il-Kmandamenti (5 marki)



Mark kien qiegħed fil-klassi u sieħbu li kien bilqiegħda fil-bank ta' ħdejh kellu pinna tassew sabiħa. Mark kien jixtieq ikollu waħda bħalha u qabad u ħadha bil-moħbi.

1) Liema kmandament kiser Mark?

______________________________________________

2) Kieku kont minflok Mark, inti x'kont tagħmel?

______________________________________________

3) Kieku rajt lil Mark jisraqha, x'kont tagħmel?

______________________________________________




## TAQSIMA B IL-BIBBJA

**A. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel sentenza hija eżempju. (5 marki)**

*1. Il-Bibbja hi maqsuma (fi tliet, f'żewġ, f'ħames ) taqsimiet kbar.*

2. Il-Bibbja fiha ( 49, 66, 73 ) ktieb.

3. L-istorja ta' Adam u Eva nsibuha ( fit-Testment il-Ġdid, fit-Testment il-Qadim, fl-Atti tal-Appostli ).

4. Fit-Testment il-Ġdid insibu 21 ittra miktuba ( mill-Fariżej, mill-Appostli, mill-Profeti ).

5. It-Testment il-Ġdid jibda ( bil-Kmandamenti, bit-twelid ta' Ġesù , bis-Salmi ).

6. It-Testment il-Ġdid jirrakkonta l-istorja ta' ( Ġesù , Samwel, Ġakobb ).



**B. Imla l-vojt bil-kliem t'hawn taħt dwar il-qari tal-quddiesa. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-ewwel qari | It-tieni qari | L-imħabba | erba' | Evanġelji |

1. Fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd jinqraw ______________________ siltiet mill-Bibbja.
2. Ġeneralment, ______________________ jkun mit-Testment il-Qadim.
3. ______________________ jkun meħud mit-Testment il-Ġdid.
4. Imbagħad tinqara silta minn wieħed mill-____________________.
5. Il-Knisja twasslilna l-qari tal-Kelma t'Alla fil-quddiesa biex turi ______________________ t'Alla għalina.

## TAQSIMA Ċ: IL-KALENDARJU



**A. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. (5 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Is-sena tal-Knisja | | jibda minn erbat iħdud qabel il-Milied. |
| 2 | L-Avvent | | idum erbgħin jum. |
| 3 | L-Epifanija hija | | tissejjaħ is-Sena Liturgika. |
| 4 | Ir-Randan | | l-festa tas-Slaten Maġi. |
| 5 | Fil-Milied | | il-qassis jilbes il-kulur abjad. |

**B. Imla l-vojt. L-ewwel waħda hija lesta. (5 marki)**



1. *Il-ħajja tagħna hija mżejna b'ħafna festi u ċelebrazzjonijiet.*
2. Is-sena ________________________ tgħinna ngħixu mill-ġdid il-ġrajjiet il-kbar fil-ħajja ta' Ġesù.
3. Fiż-żmien ta' matul is-sena, il-qassis jilbes il-kulur ________________________.
4. Il-festa tal-________________________ hija l-akbar festa tagħna l-Insara.
5. Is-sena tal-Knisja tispiċċa bil-festa ta' ________________________.
6. Aħna niltaqgħu ma' Ġesù f'ħajjitna permezz tas-________________________.



Ċ. F’liema sagrament isir dan li ġej? Immarka b’ ✓ il-kolonna t-tajba. (5 marki)

| | | L-Ewwel Tqarbina | Il-Griżma tal-Isqof |
|---|---|---|---|
| 1. | L-isqof jidlikilna moħħna biż-żejt. | | |
| 2. | F’dan il-jum irċevejna fina għall-ewwel darba lil Ġesù Ewkaristija. | | |
| 3. | F’dan il-jum inġeddu l-Magħmudija tagħna. | | |
| 4. | Flimkien mal-parrinu jew parrina nitilgħu quddiem l-isqof u jgħidilna, “Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu”. | | |
| 5. | F’dan is-Sagrament nirċievu l-ġisem ta’ Ġesù. | | |



## TAQSIMA D: IL-MILIED

**A. Aqra dan il-paragrafu u wieġeb il-mistoqsijiet. (6 marki)**

Ġoel kien ragħaj ġo Betleħem fi żmien meta twieled Ġesù . Ġoel kien fqir ħafna. Xogħlu kien dejjem li jieħu ħsieb in-nagħaġ. Ma kienx ikun waħdu. Darba minnhom, matul il-lejl, dehrilhom anġlu tal-Mulej u tahom aħbar sabiħa. Bil-ġirja, Ġoel u sħabu marru jfittxu lit-tarbija li semgħu aħbar dwarha.

1. X'kienet l-aħbar sabiħa li qalilhom biha l-anġlu?

__________________________________________________

2. Kif taħseb li ħassu Ġoel meta deherlu l-anġlu?

__________________________________________________

3. Għaliex taħseb li ħassu hekk Ġoel?

__________________________________________________

__________________________________________________

4. Għaliex taħseb li kienet aħbar importanti?

__________________________________________________

__________________________________________________

B. **Qabbel kolonna A ma' B. L-ewwel waħda lesta għalik. (6 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| *1.* | *"Ninni la tibkix iżjed" hi* | | ifakkarna f'dak li ġara fil-lejl tal-Milied. |
| 2. | In-Novena | | għamel l-ewwel presepju fi Greccio, l-Italja. |
| 3. | Il-Presepju | | bdieha San Ġorġ Preca. |
| 4. | Il-Kartolini | | tispjega l-kobor t'Alla li bagħat lil Ġesù għalina. |
| 5. | Il-Purċissjoni bil-Bambin | *1* | ***għanja tal-Milied.*** |
| 6. | Il-Priedka tal-Milied | | bihom nawguraw xewqat ta' ferħ lil xulxin. |
| 7. | San Franġisk t'Assisi | | Tibda disat ijiem qabel il-Milied. |



## TAQSIMA E: NIKKOMUNIKAW

A. **Wieġeb il-mistoqsijiet dwar il-parabbola. (10 marki)**

Fil-parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb, Ġesù jirrakkonta storja dwar ragħaj li kellu merħla nagħaġ u li meta waħda minnhom tintilef jibqa' sakemm isibha u jġibha lura mal-merħla.

1. Lil min qed jirrappreżenta r-Ragħaj ta' din il-parabbola?

   ______________________________________________

2. Min huma n-nagħaġ?

   ______________________________________________

3. Għaliex ir-ragħaj imur ifittex lin-nagħġa l-mitlufa, anke jekk kellu ħafna nagħaġ oħra?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Liema hu s-Sagrament li permezz tiegħu aħna nerġgħu nersqu qrib ta' Alla wara li nkunu mitlufin?

______________________________________________________________

5. a). Semmi parabbola oħra fejn Ġesù jitkellem dwar persuna mitlufa li wara reġgħet lura lejn il-Missier.

______________________________________________________________

b). Spjega din il-parabbola.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

c). X'tgħallimna din il-parabbola?

______________________________________________________________

______________________________________________________________



## TAQSIMA F SIMBOLI TA' MĦABBA

**A. Imla l-vojt.** **(7 marki)**

1. Is-saċerdot jixrob mill-______________________ li jkun hemm fuq l-artal.

2. Mit-______________________ is-saċerdot iġib il-kalċi bl-____________________ qabel it-tqarbin.

3. Minn fuq l-ambone tinqara l-______________________ t' Alla.

4. Il-prietka li s-saċerdot jagħmel dwar l-evanġelju tissejjaħ ____________________.

5. Għall-kelmiet tas-saċerdot waqt il-konsagrazzjoni, il-ħobż isir il- ______________________ u l-inbid isir id- ________________ ta' Ġesù .

**B. Kompli imla l-vojt. (3 marki)**

6. Il-_____________________ jużaw kandelabru li jissejjaħ Menorah.

7. Il-post fejn jitolbu l-Musulmani jissejjaħ ___________________.

8. Il-Lhud u l-Musulmani jemmnu f'______________________ wieħed.

**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi. (6 marki)**

1. Bħala Nisrani/ja nuri rispett lejn l-oħrajn meta:

   a). _____________________________________________________.

   b). _____________________________________________________.

   ċ). _____________________________________________________.

2. Nuri li naħdem għall-għaqda flok għall-firda meta:

   a). _____________________________________________________.

   b). _____________________________________________________.

   ċ). _____________________________________________________.

**Ċ. Ikteb 5 sentenzi fuq WAĦDA dwar dawn li ġejjin: (10 marki)**

1. Kif nista' ngħix ta' nisrani tajjeb?

***Jew***

2. Irrakkonta l-ġrajja tas-sejħa ta' Zakkew u uri x'effett ħalla Ġesù fih.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## TMIEM IL-KARTA